II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Mejju 2007

li tapprova l-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukraina fuq il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar

(2007/451/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u l-Ukraina [1] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.

(2) Il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar irregolat bit-Titolu III ta' dan il-Ftehim, ħlief għall-Artikolu 14 tiegħu, u bid-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar arranġamenti kwantitattivi.

(3) Għas-snin 1995-2001, il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar kien soġġett għal ftehimiet bejn il-Partijiet, u fl-2002, l-2003 u sad-19 ta' Novembru 2004 għal arranġamenti speċifiċi. Ftehim ulterjuri kien konkluż fid-19 ta' Novembru 2004 li jkopri l-perjodu li jwassal sal-31 ta' Diċembru 2004. Minn hemm Ftehim ġie konkluż li jkopri l-perijodu 2005 u l-2006.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 [2] awtorizzat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bil-għan li ġġedded l-ftehim dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar konklużi bejn il-Komunità Ewropea min-naħa u l-Ukraina min-naħa l-oħra.

(5) Wara dik id-Deċiżjoni, Ftehim ġdid, li jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2007 u s-snin ta' wara, ġie negozjat bejn il-Partijiet.

(6) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukraina dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 49, 19.2.1998, p. 3.

[2] 14134/06 u 14135/06.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem lill-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill
Il–President
F. MÜNTEFERING